ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

30 JUL 2025

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 615**

**It-Tlieta 24 ta' Ġunju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 615.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

615.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u l-Kaptan Patrick Barbara jkunu skużati.

## 615.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

615.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-614 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 615.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

615.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni uffiċjali b'rabta mal-applikazzjoni sottomessa għall-iskema SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026, li permezz tagħha ġie kkonfermat li wara li l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Bord ta' Evalwazzjoni, l-applikazzjoni ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €19,550.00 (dsatax-il elf, ħames mija u ħamsin Euro) VAT inkluż.

615.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fir-rigward tal-iskema SPI/SCI/06/2025 – Finanzjament Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, ma ġie identifikat l-ebda proġett li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibiltà tal-iskema. Għaldaqstant, ma ġietx sottomessa applikazzjoni hekk kif il-proġetti li kienu ġew ikkunsidrati ma kinux jaqgħu taħt il-parametri stabbiliti fl-iskema.

615.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar korrispondenza uffiċjali li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq, li fiha ġie komunikat li ġew diskussi talbiet minn residenti ta' Triq Villabate li ilhom jissottomettu talba biex jingħataw numru uffiċjali tal-bieb minħabba diffikultajiet relatati mal-lokalizzazzjoni tal-indirizzi tagħhom. Il-kumitat, wara li analizza l-estensjoni tat-triq, ippropona li l-Kunsill Lokali jikkunsidra it-tismija ta' żewġ toroq li jinsabu aktar irtirati 'l ġewwa minn din it-triq arterjali, sabiex ikun jista' jsir b'mod ordnat in-numerar tal-bibien tul Triq Villabate kollha. Is-Sindku spjega li l-postijiet imsemmija kienu is-*service road* fi Triq Villabate u l-parti l-oħra viċin iż-żona magħrufa bħala Tal-Plier. Is-Sindku esprima l-fehma li l-introduzzjoni ta' ismijiet ġodda għal dawn it-toroq tista' toħloq aktar inkonvenjent lir-residenti u għaldaqstant ma jħossx li din it-talba hija neċessarja. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li, f'dan il-kuntest, ikun opportun li l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti affettwati. Is-Sindku rrimarka li waħda mit-toroq tista' tiġi identifikata bħala Triq Villabate – Żona Tal-Plier, bħala soluzzjoni prattika. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li, skont il-korrispondenza, din l-inizjattiva kienet saret fuq talba diretta tar-residenti stess. Is-Sindku żied jgħid li s-*service road* tista' tiġi nnumerata skont il-prattika stabbilita, b'numri dispari fuq naħa waħda u numri pari fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Is-Sindku ppropona li, qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni formali, il-Kunsill għandu jorganizza laqgħa ma' membri tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kif

kien isir fil-passat. Is-Sinjorina Martina Baldacchino ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

615.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waslet talba mingħand il-kumpanija *Refab Lightblue Partnership li* bħalissa tipprovdi l-kontenituri għar-riċiklaġġ tat-tessuti fil-lokalità, sabiex jitħalla jpoġġi wkoll kontenitur għall-ġbir taż-żejt użat fl-istess post fejn jinsabu l-kontenituri eżistenti għar-riċiklaġġ tat-tessuti. Fid-dawl tal-problemi persistenti marbuta mar-rimi llegali ta' skart maġenb il-*bring in sites*, kif ukoll meta wieħed jikkunsidra li s-servizz ta' ġbir taż-żejt diġà qed jiġi pprovdut mill-Wasteserv permezz tar-*roadshow truck*, is-Sindku esprima l-fehma li din it-talba għandha tiġi miċħuda. Is-Sindku enfasizza li ż-żejt, jekk jinxtered jew jixxerred barra mill-kontenitur, jista' jikkawża tebgħat permanenti mal-art. Għaldaqstant, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill iddeċieda unanimement li jirrifjuta din it-talba.

615.3.5 Is-Sindku ta rendikont dwar is-sitwazzjoni relatata mal-*bring-in sites*, fejn informa lill-membri preżenti li dawn tneħħew mil-lokalità matul il-ġurnata ta' qabel. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl ta' użu mhux xieraq ta' dawn is-siti li wassal għal problemi serji ta' ndafa. Is-Sindku spjega li fil-kuntratt eżistenti mal-GreenMT hemm klawsola li timponi fuq il-kuntrattur ir-responsabbiltà għall-installazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza (CCTV) fuq is-siti inkwistjoni. Madanakollu, minkejja komunikazzjonijiet ripetuti mill-Kunsill, dawn il-kameras għadhom ma ġewx installati. Fid-diskussjonijiet riċenti mal-GreenMT, is-Sindku qal li kien għamilha ċara li, fil-każ li ma ssirx l-installazzjoni meħtieġa u ma jkunx hemm manutenzjoni regolari tas-siti, il-Kunsill kien ser joħroġ stqarrija uffiċjali sabiex jiddikjara li r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-iskart u l-infurzar marbut mar-rimi illegali mhix tal-Kunsill, iżda ta' entitajiet oħrajn kompetenti, bħall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Is-Sindku rrimarka li filwaqt li d-dħul minn dawn il-kontravenzjonijiet imur direttament għand LESA, l-ispejjeż kollha relatati mal-*internet* u l-installazzjoni tal-arbli għall-kameras kienu ser jiġu ffinanzjati mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kunsill kien qed jipprovdi wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart goff, bl-assistenza tad-Dipartiment tat-Tindif minn ħdejn il-*bring in sites*, li f'dawn l-aħħar ġimgħat infurmawh li ma setgħux ikomplu joffru dan is-servizz mingħajr ħlas. Is-Sindku tenna li minkejja t-tneħħija tas-siti, is-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat qed jibqa' jingħata b'mod regolari bieb bieb. Is-Sindku żied jgħid illi l-*bring in sites* ma kinux ser jitpoġġew lura qabel ma jitwaħħlu l-kameras. Is-Sinjura Anna Calleja saħqet dwar l-importanza li r-residenti jiġu nfurmati dwar il-motivazzjonijiet li wasslu għat-tneħħija tal-*bring-in sites*, sabiex il-pubbliku jifhem għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni.

615.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimanent li jinstalla CCTV kamera fi Triq Tumas Dingli quddiem l-entratura tal-Kunsill sabiex jinqata' l-abbuż ta' rimi ta' skart li kien qed isir fil-viċinanzi tat-tapizzar.

615.3.7 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu kameras tas-sigurtà fl-uffiċju tal-*front office*. Dawn il-kameras ser jiġu mmirati b'mod speċifiku lejn l-impjegati responsabbli mill-ġbir ta' flus kontanti, bil-għan li kull tranżazzjoni finanzjarja tiġi dokumentata b'mod ċar u

preċiż. Din il-miżura għandha l-iskop li ssaħħaħ is-sigurtà tal-proċess ta' ħlas u sservi bħala referenza viżiva f'każ ta' inċertezzi jew talbiet għal kjarifika.

615.3.8 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikkunsidra l-possibbiltà li jintroduċi sistema ta' pagament elettroniku (EPOS) għall-faċilità ta' ħlasijiet mill-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kull tranżazzjoni permezz ta' dan is-servizz tkun soġġetta għal tariffa bankarja, u peress li ammont sostanzjali mill-flus li jiġbor il-Kunsill isir f'isem entitajiet oħra, hemm l-obbligu li l-ammont kollu miġbur jiġi depożitat sħiħ, mingħajr tnaqqis. Dan ifisser li t-tariffi bankarji relatati mat-tranżazzjonijiet jiġu assorbiti direttament mill-Kunsill, anke meta l-fondi ma jkunux tiegħu, u għalhekk ikun qed iħallas spejjeż mhux meħtieġa. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ppropona li jinbdew diskussjonijiet mal-istituzzjoni bankarja sabiex jiġu kjarifikati t-termini relatati ma' dawn it-tariffi u jiġi esplorat jekk jistgħux jiġu evitati jew imnaqqsa. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill approva unanimement li jibdew dawn id-diskussjonijiet.

615.3.9 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza dwar sejħa lill-Kunsilli Lokali biex jirreġistraw l-interess tagħhom li jospitaw il-korsijiet "Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar" fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Is-Sinjura Anna Calleja enfasizzat il-ħtieġa li l-Kunsill jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-kors, speċjalment peress li dan kien mitlub u ppreżenta suċċess fil-passat. Barra minn hekk, is-Sinjura Calleja ssuġġeriet li jiġi indikati l-perjodu preferut għall-implimentazzjoni tal-kors, speċifikament bejn Frar u April. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar.

615.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-lokalità ta' Ħaż-Żabbar ġiet identifikata biex isir il-kors *Mental Health First Aid.* Dan il-kors se jkun maqsum f'erba' sessjonijiet li jsiru filgħaxijiet. Is-sessjonijiet se jkunu nhar it-Tlieta, b'bidu mit-8 ta' Lulju, bejn l-4:30 u t-7:45 ta' filgħaxija.

615.3.11 Fuq proposta tas-Sur Leone Sciberras li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw żewġ *airconditions*, wieħed għas-sala tal-Kunsill fejn isir it-taħriġ tal-*Life Long Learning* u ieħor għal-librerija tal-Kunsill.

615.3.12 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni relatati mal-monti li jarma nhar ta' Sibt f'Misraħ is-Sliem u f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku qal li dawn il-laqgħat għandhom isiru fis-Sala tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 16 u l-Ħamis 17 ta' Lulju 2025 fis-6:00 ta' filgħaxija, u għandhom jiġu mistiedna l-Pulizija tal-Komunità, is-Supretendent tal-Pulizija u uffiċjali minn Transport Malta. Il-kumpanija Y Limited tmexxi l-laqgħat sabiex jiġi żgurat organizzazzjoni professjonali. Il-laqgħa tal-Erbgħa tkun mar-residenti biex jiġu identifikati l-problemi u l-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li dik tal-Ħamis tkun mal-bejjiegħa tal-monti biex jiġu diskussi l-arranġamenti relatati mal-operat tagħhom.

615.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar żewġ proposti ta' mafkar: wieħed fl-entratura tal-Kunsill f'ġieħ il-Professur Anġlu Psaila u ieħor f'ġieħ it-Tabib Lawrence Fenech fi Triq il-Vittorja kantuniera ma' Triq tal-Labour. Is-Sindku spjega li l-4 ta' Settembru tfakkar il-jum tal-mewt tal-Professur Anġlu Psaila u l-familjari tiegħu esprimew ix-

xewqa li l-inawgurazzjoni tal-mafkar issir proprju f'din il-ġurnata. L-ispiża ndikattiva għall-bust tal-Professur Anġlu Psaila hija stmata €1,500, filwaqt li l-bażi tal-irħam huwa stmat €500. Is-Sindku żied jgħid li huwa mistenni jiltaqa' mal-familjari tat-Tabib Lawrence Fenech kif ukoll mal-artist sabiex jiġi diskuss id-disinn u jinħarġu l-istimi dettaljati. Is-Sur Carlo Scicluna fakkar li fl-4 ta' Settembru jsir ukoll il-ħruġ minn niċċa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sindku qal li għandu jiġi identifikat ħin fil-ġurnata għall-inawgurazzjoni, anke jekk dan ikun filgħodu, sabiex jiġi rrispettat ix-xewqa tal-familjari u fl-istess ħin jiġi evitat kwalunkwe konflitt mal-attivitajiet tal-festa.

615.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola Kulleġġ Santa Margerita Primarja B, ġiet diskussa l-possibbiltà li l-Kunsill Lokali jerġa' jippubblika ktieb komiku bil-kollaborazzjoni mal-iskola. Is-Sindku spjega li matul il-leġislatura 2013-2019, fl-okkażjoni tal-400 anniversarju tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, kien ġie stampat ktejjeb li tqassam lill-istudenti. Din is-sena, fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-waqgħa tal-Vulcan, qed jiġi kkunsidrat li jerġa' jiġi stampat l-istess ktieb b'tibdil fil-qoxra biss u bl-istess kontenut. Is-Sindku żied jgħid li jekk il-Kunsill jaqbel, għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet għall-istampar ta' 600 kopja *black & white*, b'qoxra bil-kulur u b'kontenut ta' 18-il paġna. L-ispiża ndikattiva għal dan l-istampar m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €1,000, inkluż VAT. Is-Sur Leone Sciberras ippropona li jitqiesu adattamenti ġodda fil-*format* tal-ktieb sabiex dan ikun aktar aċċessibbli, b'użu ta' *fonts* kbar għall-persuni b'diżabilità viżiva, bid-disleksija, kif ukoll li tiġi żviluppata verżjoni *audio*. Is-Sindku spjega li l-intenzjoni hi li jerġa' jiġi stampat l-istess ktieb, iżda se jiddiskuti mas-Surmast tal-Iskola biex jara jekk hemmx bżonn ta' dawn l-aġġustamenti. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Leone Sciberras u l-Kunsill qabel unanimament li jiġu stampati l-kotba kif imsemmi, bil-kundizzjoni li l-ispiża totali ma taqbiżx l-€1,000 inkluż VAT.

615.3.15Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ttellgħet informazzjoni fuq il-midja soċjali dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Misraħ San Nikola u ċaħad b'mod kategoriku l-allegazzjoni li l-proġett qed isir fuq art privata. Is-Sindku spjega li għalkemm parti mill-pjazza hija proprjetà privata, iż-żona identifikata għall-proġett tinsab fuq art tal-Gvern u l-proġett minn dejjem ġie ppjanat esklussivament fuq din l-art pubblika. Il-permessi għal dan il-proġett diġà nħarġu u bħalissa għaddejjin il-preparamenti sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-parti privata hiex ser tiġi devoluta lill-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll li f'laqgħa li saret riċentament mal-istess Dipartiment u ma' uffiċjali ta' *Heritage Malta*, ġew diskussi diversi aspetti tekniċi marbuta mal-binja antika li hemm fil-pjazza, fejn ġie spjegat li l-perit responsabbli għall-proġett iċċertifika li din il-binja tinsab f'kundizzjoni strutturali perikoluża u hemm riskju imminenti li tiġġarraf. F'dan il-kuntest, is-Sindku ndika li kien diġà għadda rapport lill-pulizija sabiex jitnieda l-proċess ta' *dangerous structure* biex jiġu nvoluti l-awtoritajiet rilevanti, fosthom is-*Superintendence* ta' *Heritage Malta*. Qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk din il-binja għandhiex titwaqqa' jew tinżamm, id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi ma kinx ser jissokta bil-ħruġ tas-sejħa għall-offerti minkejja li l-fondi għall-proġett huma diġà allokati. Is-Sindku nnota li hemm diverġenza ta' opinjonijiet fost l-entitajiet involuti u spjega li jekk il-binja tinżamm, ikun meħtieġ *buffer zone* ta' tliet metri madwar il-binja li jwassal biex il-parkeġġ taħt l-art ma jkunx jista' isir, peress li jitilfu madwar 20 spazju ta' parkeġġ. F'każ li l-binja ma tiġix imwaqqa', il-proġett ikun

limitat għal ġnien biss, iżda jekk il-binja titwaqqa' u terġa' tinbena, il-parkeġġ taħt l-art ikun jista' jiġi inkluż. Is-Sindku esprima x-xewqa tiegħu, bħala restawratur, li l-binja tiġi salvagwardjata, iżda saħaq li s-sigurtà pubblika għandha dejjem tingħata prijorità. Is-Sindku qal li ser jitlob formalment kopja tar-rapport tekniku tal-perit sabiex jagħmel pressjoni fuq l-entitajiet ikkonċernati. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-proġett għadux kif kien ippjanat oriġinarjament mal-istudenti. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Leone Sciberras talab lis-Sindku jikkonferma jekk il-proġett inizjali kienx ippjanat fuq art privata. Is-Sindku kkonferma li l-proġett qatt ma kien ippjanat li jsir fuq art privata iżda dejjem fuq art pubblika. Is-Sur Sciberras kompla jistaqsi jekk fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet li nħolqu, il-proġett oriġinali kinx ser jiġi emendat. Is-Sindku appella lill-membri preżenti sabiex qabel ma jippubblikaw informazzjoni fuq il-midja soċjali, jiżguraw li jkollhom informazzjoni preċiża u jekk hemm xi dubji għandhom jistaqsu. Is-Sindku tenna li m'għandhiex titpoġġa nformazzjoni li tista' twassal għal konfużjoni speċjalment jekk din tiġi ppubblikata minn kunsillieri stess. Is-Sur Sciberras spjega li l-informazzjoni li ppubblika kienet meħuda mill-paġna uffiċjali tal-Kunsill u sostna li ma jaqbilx li din kienet *misleading*. Is-Sindku nsista li l-*post* kien *misleading* peress li ma kinitx ibbażata fuq fatti preżenti u kienet tirriferi għal informazzjoni li kienet ġiet ippubblikata mis-Sindku preċedenti fl-2019. Minn dak iż-żmien 'l hawn, is-Sindku spjega li kien hemm diversi żviluppi u l-proġett inbidel. Is-Sur Sciberras irrimarka li l-pubbliku qed jistaqsi x'ġara minn dan il-proġett. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-parkeġġ taħt l-art huwiex se jsir. Is-Sindku spjega li l-inklużjoni tal-parkeġġ fil-proġett tiddependi mid-deċiżjoni finali dwar il-binja eżistenti.

615.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet saret laqgħa mal-Arċipriet fejn ġew diskussi diversi suġġetti u ċċarati numru ta' kwistjonijiet. Fost l-oħrajn, is-Sindku talab lill-Arċipriet sabiex jipprovdi viżjoni strateġika tal-parroċċa għall-ħames snin li ġejjin, fid-dawl tal-possibbiltà li l-lokalità tiġi inkluża fil-*bidbook* għall-Belt Kulturali Ewropea. Ġiet diskussa wkoll il-kwistjoni li qamet b'rabta ma' attività organizzata fl-istess jum tal-attività tal-Grupp Armar tal-Festa. Fuq dan il-punt, l-Arċipriet spjega li ma kinx infurmat b'dan il-każ. Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-oġġezzjoni għall-proġett propost ta' dar tal-anzjani ta' seba' sulari f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi maġenb il-Knisja u talab lill-Arċipriet sabiex jiddiskuti dan is-suġġett mal-Kleru, bil-għan li, f'każ ta' ftehim, tinħareġ stqarrija konġunta bejn il-Knisja u l-Kunsill dwar il-pożizzjoni tagħhom fuq dan il-proġett.

615.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-irħama kommemorattiva relatata mal-waqa' tal-ajruplan Vulcan u spjega li qed jiġi kkunsidrat li titqiegħed plakka kommemorattiva fil-kantuniera ta' Triq il-Karmnu ma' Triq Alessio Erardi, kif ukoll irħama kommemorattiva fil-kantuniera ta' Triq is-Santwarju ma' Triq Santa Tereża fl-okkażjoni tal-ħamsin sena anniversaru mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan. Barra minn hekk, is-Sindku enfasizza l-ħtieġa li jsir intervent ta' manutenzjoni fejn meħtieġ għall-ittri tal-irħama eżistenti li tinsab fil-kantuniera ta' Triq is-Santwarju ma' Triq Santa Tereża, kif ukoll għall-irħama ddedikata lill-Perit Ġużeppi Pace li tinsab fi Triq is-Santwarju biswit il-knisja u l-irħama ddedikata lil Dom Mintoff li tinsab fl-ex venda fi Triq is-Santwarju.

## 615.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

615.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Mejju 2025 u l-24 ta' Ġunju 2025 li kienet tammonta għal €65,546.61.

## 615.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:

- **Tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* – ZLC 2/2025**

615.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġew sottomessi ħames offerti għat-Tindif u Żamma tas-*Soft Areas* u *Roundabouts* (ZLC 2/2025) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li erba' offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand is-Sur Christopher Bonello għall-prezz ta' €34,789 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

615.5.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar laqgħa li saret ma' Infrastruttura Malta u Transport Malta dwar Triq San Leonardu. Hu spjega li meta sar xogħol infrastrutturali fil-parti tat-triq faċċata tal-*pitch* tal-boċċi, ġew imneħħija diversi parkeġġi u minflok inbena planter bil-ħamrija. Is-Sindku spjega li bi ftehim maż-żewġ awtoritajiet, u jekk il-Kunsill jaqbel, għandha tintbagħat talba biex il-*planter* titneħħa u minflok isiru parkeġġi. Is-Sindku enfasizza li s-*soft areas* jibqgħu meħtieġa, iżda l-parkeġġi għandhom jiżdiedu minflok jonqsu. Żied jgħid li ftit 'il fuq hemm bankina wiesgħa li tista' tintuża biex jinħoloq *planter* alternattiv u jitħawwlu s-siġar. Barra minn hekk, is-Sindku enfasizza li fit-talba għandha tiġi inkluża wkoll il-ħtieġa li jiġu mibnija mill-ġdid il-ħitan ta' sostenn għall-għelieqi li jinsabu f'livell aktar baxx mit-triq u li huma f'kundizzjoni ta' periklu.

## 615.6 Permessi għal tqegħid ta' posti u kjosks matul il-ġranet tal-festa

615.6.1 Is-Sindku tkellem fid-dettall dwar it-tqegħid tal-posti u l-kjosks matul il-ġranet tal-festa fejn iddikjara li hemm żewġ materji li xtaq jindirizza. Is-Sindku qal li l-gabbani tal-ikel illum jinsabu esklużi miċ-ċentru tal-lokalità u jinsabu biss fi Triq tal-Labour u li din is-sitwazzjoni mhix tajba peress li l-aħħar darba li tqassmu l-posti kienet aktar minn għaxar snin ilu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-gabbani tal-ikel ġew trasferiti fil-ħames leġislatura tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li fi Triq tal-Labour ma' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi nħolqot *roundabout* u li quddiem din ir-*roundabout* m'għandhomx jitqiegħdu gabbani tal-ikel peress li minn hemm in-nies isegwu n-nar pirotekniku. Is-Sindku spjega wkoll kif inhuma mqassma l-gabbani, fejn in-numri jibdew mar-*roundabout* u l-posti jiġu mmarkati mal-art, iżda hemm każijiet fejn xi wħud iħallsu sitt permessi għal tqegħid ta' gabbani, iżda jarmaw gabbana waħda biss. Is-Sindku saħaq li min japplika m'għandux iħalli l-post vojt, għax dan qed iwassal biex meta jkun hemm applikant ġdid, ma jkunx jista' jingħata post qrib iċ-ċentru minħabba li l-postijiet qed jinżammu skont polza li ttellgħet snin ilu. Il-Kunsill, biex jakkomoda lil kulħadd, qed jalloka postijiet ġodda dejjem aktar

bogħod miċ-ċentru. Għalhekk, biex il-Kunsill ikun jista' jalloka l-posti mill-ġdid, għandu jinħareġ avviż pubbliku mill-inqas xagħrejn qabel il-festa. Is-Sindku qal li għandu joħroġ avviż li jiddikjara li min hu nteressat japplika għal permess tal-festa għandu jirreġistra sabiex tittella' polza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan japplika jekk il-Kunsill ikun ser jidentifika żona ġdida; inkella, jekk l-ispazju jkun l-istess bħal tas-snin ta' qabel, għandu jingħata preċedenza lil dawk li ilhom jarmaw f'dawk il-postijiet. Is-Sindku qal li għandu jsir ċaqliq minħabba spazji ħdejn ir-*roundabout* li m'għadhomx jintużaw u posti li qed jitħallew vojta kull sena. Is-Sindku qajjem ukoll il-problema tad-dawl temporanju, fejn is-sidien tal-gabbani qed japplikaw għal dan id-dawl u l-Korporazzjoni Enemalta qed twaħħal madwar tmien kaxxi mdendlin mal-faċċati tar-residenti u spjega li dan hu perikoluż u mhux ġust fuq ir-residenti. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel, għandha titressaq talba formali lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tinstalla arbli apposta li fuqhom jitwaħħlu l-kaxxi tad-dawl temporanju minflok jiġu mwaħħla mal-faċċati tad-djar tar-residenti peress li dan joħloq riskju u periklu għalihom. F'każ li l-Korporazzjoni Enemalta ma taċċettax li twaħħal dawn l-arbli, is-Sindku qal li għandu jintalab ħlas addizzjonali mal-permess sabiex tkopri l-ispejjeż relatati, jew inkella l-applikant ikun obbligat juża *generator* minflok, għalkemm il-*generators* jistgħu joħolqu storbju u nkonvenjent għall-familji li jgħixu fil-viċinanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma jistax jitlob aktar minn €23.29 kif stipulat fil-liġi sussidjarja u staqsiet x'għandu jsir jekk l-Korporazzjoni Enemalta ma taċċettax li tinstalla l-arbli. Is-Sindku qal li f'dak il-każ il-Kunsill għandu jirrifjuta li joħroġ permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li ser jintalab parir legali dwar jekk il-Kunsill jistax jerġa' itella' l-polza minkejja li m'hux qed jidentifika żona ġdida. Is-Sindku qajjem ukoll problema relatata mat-tindif fejn qal li l-gabbani tal-ikel qed jiġġeneraw ħafna skart u ma kinx qed ikollhom *dustbin* mal-gabbana, għalhekk il-permess għandu jinkludi obbligu li jkollhom *dustbin*. Is-Sindku talab ukoll li l-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment tal-Kummerċ jekk jistax jitlob ħlas addizzjonali għat-tindif minħabba l-ammont ta' skart li kien qed jiġi ġġenerat. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet spjegat li skont il-liġi l-permess jiswa €23.29 għal tlett ijiem konsekuttivi iżda s-Sindku rrimarka li lokalitajiet oħra qed jitolbu ħlas addizzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lis-Sindku li kien ikun ferm aħjar kieku ddiskuta magħha minn qabel din il-materja sabiex kienet tkun tista', jekk meħtieġ, tikkonsulta mal-avukat tal-Kunsill biex jinkiseb parir legali speċjalment fid-dawl tal-fatt li jidher li dan is-suġġett ma jikkonċernax identifikazzjoni ta' żona ġdida. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni korretta, ibbażata fuq interpretazzjoni legali ċara u skont il-proċeduri stabbiliti mil-liġi. Is-Sindku żied jgħid li għandha ssir riforma fejn il-gabbani ma jibqgħux jitqiegħdu quddiem residenzi ġodda, u l-pjan tat-tqassim tal-posti għandu jiġi rivedut biex jitneħħew dawk il-posti fejn f'dawn l-aħħar snin inbnew djar jew appartamenti ġodda. Is-Sindku kompla jgħid li, jekk ikun hemm bżonn, huwa lest ma joħroġx permessi għal tqegħid ta' gabbani f'dawk l-oqsma u b'hekk isolvi l-problema b'mod definittiv. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-gabbani matul il-festa huma tradizzjoni u n-nies iriduhom, iżda s-Sindku qal li t-tqegħid tal-posti tal-qubbajd biss hija tradizzjoni. Is-Sur Joseph Agius saħaq li l-Kunsill għandu jimxi ġust ma' kulħadd u qal li mhux aċċettabbli li hemm applikanti li jħallsu għall-permess iżda ma jarmawx il-gabbana u għalhekk għandu jkun hemm sanzjonijiet għan-nuqqasijiet bħal dawn. Is-Sindku ppropona li ssir riforma fit-tqegħid tal-gabbani fi Triq tal-Labour. Is-Sur Carlo Scicluna ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimement, dejjem fil-konformità mal-liġi applikabbli. Is-Sindku qal illi min japplika u ma jarmax gabbana għandu jingħata multa.

615.6.2 Is-Sindku tkellem dwar il-problema li qed tinħoloq waqt il-festa tal-Madonna tal-Grazzja relatata mat-tqegħid u l-istruttura tal-barijiet, fejn qal li xi barijiet ikunu ta' daqs żejjed u jitpoġġew b'mod li jostakola l-aċċess fiż-żona. Spjega li f'każ ta' emerġenza jkun diffiċli li jiġu mċaqalqa u għalhekk dawn għandhom ikunu armati fuq ir-roti biex f'każ ta' bżonn, il-pulizija jkunu jistgħu jressquhom mingħajr problema. Is-Sindku rrimarka li għalkemm hemm ħafna li jikkoperaw, xorta hemm min jikkawża ostaklu billi jagħlaq il-kolonna tal-armar bil-bar. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaħdem barijiet tal-ħadid ħfief fuq ir-roti, b'disinn uniformi, sabiex tinżamm l-unità u l-ordni. Semma wkoll li mhux l-ewwel darba li kien hemm barijiet magħmulin minn *pallets* jew minn barrikati tal-ġebel li joħolqu periklu u jtellfu kull struttura madwarhom. Is-Sindku żied jgħid li l-problema tal-barijiet hija distinta minn każijiet oħra u li matul il-festa għandu jkun hemm il-preżenza ta' *fire engine* u ambulanza. Dan ifisser li l-aċċess irid jibqa' miftuħ u mingħajr ostakli. Is-Sindku qal ukoll li għandu jinħareġ mudell ta' bar uniformi li jkun jinkludi l-*logo* tal-Kunsill u li jista' jintuża wkoll waqt attivitajiet oħra bħal attivitajiet tal-Milied. L-applikanti li jixtiequ jużaw dawn il-barijiet għandhom jagħmlu depożitu ta' €50. Is-Sindku qal li kien ser joħloq disinn u jġib stima għall-kostruzzjoni ta' ħmistax-il bar. Il-barijiet għandhom ikunu kollha *standard.* Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li mhux possibbli li l-barijiet ikunu *standard* għal kulħadd peress li hemm min għandu l-bar fuq bankina f'kantuniera u b'hekk għandu ħtiġijiet differenti. Is-Sindku spjega li l-proposta qed issir għaliex mhux kulħadd qed jimxi mar-regolamenti, u ġie rrappurtat ukoll li f'ċerti każijiet ma tħalliex aċċess għall-persuni b'diżabilità. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'kien ser jiġri f'każ li applikant jirrifjuta li juża l-istruttura tal-ħadid ipprovduta mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li f'dak il-każ ma jinħariġx il-permess għall-użu tal-bar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser titlob parir legali dwar dan. Is-Sur Joseph Agius staqsa fejn ser jinħażnu dawn l-istrutturi matul il-kumplament tas-sena u s-Sindku qal li għandhom jiġu mfassla b'mod li jistgħu jiżżarmaw u jiġu maħżuna fl-istore taħt l-*ex*-venda tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar ukoll li l-barijiet kollha għandhom ikunu skont ir-regolamenti u li kien hemm każijiet fejn *fridges* ġew imqiegħda fuq il-bankini, bil-konsegwenza li dan żied l-inkovenjenzi għall-persuni b'diżabilità. Is-Sur Carlo Scicluna qal li jekk il-bankini qed jiġu mblukkati, allura għandhom jitneħħew ukoll l-arbli tal-festa peress li dawn ukoll jistgħu jkunu qed joħolqu ostakli. Is-Sur Scicluna żied jgħid li matul il-ġranet tal-festa, speċjalment fi Triq is-Santwarju ħdejn il-*Bank of Valletta,* il-bankini ħafna drabi jkunu mhux aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku qal li l-kwistjoni tal-arbli kienet għadha trid tiġi diskussa mal-Arċipriet u li kien ukoll ser isir disinn ta' bankini ġodda fi Triq is-Santwarju biex tiġi evitata sitwazzjoni simili fil-futur. Dwar l-użu tal-*fridges* fuq il-bankini, qal li dan mhux aċċettabbli u ma jistax jibqa' isir. Is-Sur Leone Sciberras qal li f'każijiet bħal dawn għandu jidħol l-infurzar lokali. Is-Sindku qal illi għandu jkun hemm konsultazzjoni pubblika mal-applikanti. Is-Sur Joseph Agius staqsa wkoll jekk il-każini ġewx ikkonsultati dwar din il-proposta u s-Sindku wieġeb li din l-ideja kienet proprju tagħhom u li l-każini diġà għandhom barijiet strutturati u konformi mal-liġi. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx mal-proposta li kien ressaq. Is-Sur Carlo Scicluna qal li huwa ftit xettiku dwar dan u li għalih kien ikun aħjar li jsir infurzar aktar milli jiġu obbligati l-applikanti biex jużaw il-barijiet tal-Kunsill. Is-Sur Scicluna nforma lill-membri preżenti li fil-passat kien idur personalment biex jivverifika l-barijiet kollha matul il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien ikun xieraq li jinkiseb parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex jiġi ċċarat jekk din l-

inizjattiva hijiex konformi mal-liġi u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni nfurmata u responsabbli. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament li tintalab stima għal ħmistax-il struttura tal-ħadid, ħfief u fuq ir-roti, b'daqs li jkun skont il-parametri permessi mil-liġi, sabiex jintużaw mill-applikanti tal-barijiet matul il-ġranet tal-festa.

## 615.7 SPI/SCI/07/2025 - Finanzjament– Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità

615.7.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità, fejn spjega li flimkien mas-Sur Leone Sciberras kien iddiskuta diversi inizjattivi li jistgħu jiġu inklużi, bl-iskop li l-Kunsill jippreżenta proġetti li jikkontribwixxu għall-aċċessibilità u l-inklużjoni fil-lokalità. Żewġ proposti ewlenin ġew identifikati: il-proġett ta' rinnovazzjoni u tisbiħ ta' Sqaq Nru 4 fi Triq il-Kbira u l-proġett ta' aċċess għall-informazzjoni dwar it-trasport pubbliku għall-persuni neqsin mid-dawl. Fir-rigward ta' Sqaq Nru 4 fi Triq il-Kbira, minħabba taraġ u rampa wieqfa eżistenti, qed jiġi propost xogħol infrastrutturali sabiex l-isqaq ikun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Fir-rigward tat-trasport pubbliku, is-Sindku spjega li bħalissa kull *bus stop* f'Malta huwa mgħammar b'sistema fejn wieħed jista' jċempel numru, jiddaħħal *code* miktub fuq il-post u jirċievi b'vuċi informazzjoni dwar liema karozzi tal-linja ser jgħaddu u f' kemm żmien. Il-proposta tal-Kunsill m'hijiex li jinħoloq servizz ġdid, iżda li l-*code* eżistenti jiġi wkoll ippreżentat fi *braille* fuq il-*bus stop* stess sabiex persuni b'nuqqas viżiv ikunu jistgħu jaqraw b'mod awtonomu u jgawdu l-istess aċċess għall-informazzjoni bħall-bqija tal-pubbliku. Is-Sindku qal li diġà kien iddiskuta dan mal-FITA u li kien f'komunikazzjoni mal-operatur tat-trasport pubbliku sabiex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-*bus stops* kollha tal-lokalità peress li l-*braille* ser jitwaħħal man-*notice boards* eżistenti. Is-Sindku semma wkoll li kienet ser issir laqgħa ma' rappreżentanti tal-kumpanija li tieħu ħsieb in-*notice boards* li hemm ma' kull *bus stop* u f'dan il-kuntest, is-Sur Sciberras talab biex jiġi nfurmat meta ssir din il-laqgħa sabiex ikun jista' jattendi. Is-Sur Leone Sciberras esprima x-xewqa li jiġi inkluż ukoll proġett relatat ma' faċilitajiet aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità fi *playing field* fil-lokalità. Madankollu, is-Sindku spjega li dan ma setax jiġi nkluż fl-applikazzjoni preżenti peress li l-ispejjeż mistennija għaż-żewġ proġetti proposti, jiġifieri t-tisbiħ u l-aċċessibilità fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4 u l-installazzjoni ta' sistema ta' sinjali bil-*braille* mal-*bus stops* tal-lokalità kienu se jammontaw għall-massimu tal-fondi allokati taħt din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-iskema tiffinanzja 85% tal-ispiża totali (inkluż VAT) sa massimu ta' €100,000, filwaqt li l-Kunsill irid jipprovdi kontribuzzjoni ta' 15%. Is-Sur Sciberras staqsa jekk is-CRPD kienx ser jiġi nvolut f'dan il-proġett u s-Sindku qal li kwalunkwe intervent infrastrutturali bħat-tisbiħ ta' Triq il-Kbira Sqaq Nru 4 jeħtieġ permess ta' *trenching* minn Transport Malta, li jinvolvi konsultazzjoni obbligatorja mal-entitajiet rilevanti inkluż is-CRPD. Is-Sur Sciberras issuġġerixxa li fil-proġett ta' Triq il-Kbira Sqaq Nru 4 jiġi inkluż wkoll intervent ta' kuntrast viżiv tal-kulur fl-isqaq bħala miżura ta' aċċessibilità għall-persuni b'diffikultà viżiva. Is-Sindku qal li ma kienx favur li din il-miżura tiġi adottata f'dan l-isqaq partikolari, billi argumenta li l-isqaqien l-oħra fil-lokalità m'humiex mgħammra b'kuntrast viżiv simili u għaldaqstant huwa kien tal-fehma li l-intervent għandu jinżamm uniformi mal-bqija tal-istrutturi urbani eżistenti, sabiex jiġu evitati differenzi estetiċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill approva unanimament

is-sottomissjoni tal-applikazzjoni SPI/SCI/07/2025 li tinkludi kemm il-proġett ta' tisbiħ u aċċessibilità fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-sistema ta' sinjali bil-*braille* mal-*bus stops* tal-lokalità sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni tat-trasport pubbliku għal kull membru tas-soċjetà.

## 615.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

615.8.1 Ma kienx hemm talb għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi.

615.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tat aġġornament lill-Kunsill dwar it-tilwima mal-kuntrattur responsabbli mis-sejħa għall-offerti għall-*accounting technician.* Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-avukat tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara li saret laqgħa bejn il-partijiet, il-kuntrattur bagħat komunikazzjoni bil-miktub fejn informa lill-Kunsill li t-talba għall-ħlas totali kienet ta' €12,150. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li nkiseb parir legali, ġiet mibgħuta risposta fejn intqal li l-Kunsill kien lest jħallas l-ammont ta' €3,000 għall-preparazzjoni tar-rapporti ta' kull kwart u għall-preparazzjoni tal-*budget.* Wara din il-pożizzjoni, il-kuntrattur naqqas it-talba għal €9,000. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont mitlub kien qed jiġi kkontestat peress li ġew inklużi ħlasijiet għal xogħol li ma twettqux, kif ukoll għal reviżjoni ta' xogħol li kien sar minn *accountant* ieħor affiljat mal-istess organizzazzjoni tal-*accounting technician.* Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li l-Kunsill ma jistax iħallas għall-istess servizz darbtejn u li r-reviżjoni inkwistjoni kienet fuq xogħol li suppost kellu jkun ippreżentat b'mod korrett mill-*accounting technician* innifsu. Dan ġie kkunsidrat bħala ħlas doppju u mhux ġustifikat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħallasx aktar minn €3,000.

## 615.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

615.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien sar xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Mina ta' Hompesch u li ma reġgħux inżebgħu s-sinjali u l-marki tal-karreġġjata. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol mistenni jsir fil-futur qarib minħabba li għad trid tinqala' d-dawra ta' mal-Mina ta' Hompesch.

615.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fi Triq l-Istellarju hemm għalqa li minnha qed joħorġu l-ġrieden u rrimarka li dan qed jikkawża inkonvenjent lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tgħaddi rapport lid-Dipartment tas-Sanita' sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa. Is-Sur Carlo Scicluna żied jgħid li fi Triq Santa Duminka wkoll hemm għalqa simili li minnha qed joħorġu ġrieden u li hemm bżonn tittieħed azzjoni wkoll f'dik iż-żona.

615.9.3 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li s-sinjali li kienet talbet li jsiru fi Triq Lembija kantuniera ma' Alessio Erardi kienu għadhom ma sarux. Is-Sindku spjega li s-sinjali ma sarux minħabba li t-talba tas-Sinjura Calleja kienet teħtieġ it-tneħħija ta' xi spazji ta' parkeġġ. Is-Sinjura Calleja enfasizzat li kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa hija perikoluża għas-sewwieqa. Is-Sindku wieġeb li kien ser jikkuntattja lit-taqsima

teknika ta' Transport Malta sabiex jitolbhom rakkomandazzjoni dwar is-sitwazzjoni u kif għandha tiġi indirizzata.

615.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet talbet sabiex tinżabar is-siġra li tinsab quddiem it-tabella tan-*no entry* fl-*ex*-venda ta' Ħaż-Żabbar peress li qed tnaqqas il-viżibilità u tista' toħloq periklu għas-sewwieqa.

615.9.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet ser torganizza attività fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal li ser issir fl-20 ta' Novembru 2025. Is-Sinjura Calleja pproponiet li tittella' attività flimkien ma' *Friends of the Earth* fejn issir taħdita dwar in-naħal, isir *heritage trail*, sessjoni sportiva, taħdita dwar il-friefet kif ukoll attivitajiet flimkien mat-tfal tal-Kulleġġ Santa Margerita A u B. Is-Sinjura Calleja semmiet ukoll il-possibbiltà li tiġi organizzata attività ta' *time capsule* mal-iskejjel li tkun tinkludi li t-tfal jiġbru oġġetti simboliċi li jirrappreżentaw il-ħajja tagħhom illum u dawn jitpoġġew f'kontenitur issiġillat sabiex jinfetaħ f'data futura stabbilita, tipikament wara għexieren ta' snin. Din l-inizjattiva kienet proposta li ssir fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kwalunkwe struttura teħtieġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku qal illi kien ser jistudja aktar fid-dettal il-possibilità dwar l-attività tat-*time capsule* qabel ma' l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwara. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal, mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

615.9.6 Is-Sur Leone Sciberras staqsa lis-Sindku meta kienet ser tittella' l-attività ddedikata għall-persuni b'diżabilità minħabba li fil-5 ta' Diċembru l-Kunsill kien beħsiebu jorganizza attività tal-Milied. Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li l-attività ssir fis-6 ta' Diċembru 2025, fid-dawl tal-fatt li din id-data taqa' fil-ġimgħa internazzjonali li tfakkar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Is-Sur Sciberras informa lill-Kunsill li għandu l-intenzjoni li jorganizza konferenza tematika dwar l-aċċessibilità fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar, bl-għan li jiġu diskussi sitwazzjonijiet konkreti relatati mal-aċċess fi spazji pubbliċi, infrastruttura u servizzi. Is-Sur Sciberras ippropona li l-konferenza ssir fis-Sala tal-Kunsill bejn id-9:00 ta' filgħodu u nofsinhar. Is-Sindku talab lis-Sur Sciberras sabiex jippreżenta programm preliminari li jinkludi dettalji dwar l-iskeda proposta, il-kontenut tematiku, kif ukoll l-arranġamenti loġistiċi u tekniċi meħtieġa u mbagħad jgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sabiex dawn ikunu jistgħu jiċċirkolawha lill-persuni b'diżabilità residenti fil-lokalità. Fuq proposta tas-Sur Leone Sciberras, li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament li jorganizza konferenza dwar l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità nhar is-6 ta' Diċembru 2025 fis-Sala tal-Kunsill.

615.9.7 Is-Sur Leone Sciberras qal li fi Triq iż-Żabrella hemm arblu li qed jostakola l-aċċess għal rampa u għaldaqstant qed joħloq diffikultà għall-persuni b'diżabilità.

615.9.8 Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett propost f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku qal li mill-aħħar laqgħa sa llum ma kien hemm l-ebda aġġornament jew progress ġdid relatat ma' dan il-proġett.

615.9.9 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-ġbir tal-iskart u qal li wieħed mill-kolletturi kien qed jiġbor l-iskart bi tfal iżgħar miegħu. Is-Sindku ċaħad dan l-allegat u qal li dan mhux minnu peress li l-kolletturi kollha għandhom ktieb tax-xogħol. Is-Sur Agius qal

li l-istess kolletturi kienu traskurati f'każ partikolari fejn waqgħet borża tal-iskart organiku u ma ngabritx, u żied jgħid li għandu wkoll filmat li juri li kien hemm żewġ boroż suwed iżda ġabru biss waħda minnhom. Is-Sindku spjega li jekk l-borża s-sewda ikun fiha skart li ma jaqax taħt il-kategorija ta' skart domestiku bħalma hu skart tal-kostruzzjoni, din ma tinġabarx mill-kolletturi tal-iskart. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irrappurtat diversi drabi li fi Triq Renato Agius Muscat l-iskart ma kienx qed jinġabar għal ġimgħa sħiħa u mbagħad jinġabar kollu f'daqqa nhar ta' Sibt, ħaġa li qed toħloq inkonvenjent lir-residenti. Is-Sindku qal li kien diġà kellem personalment lill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart dwar din is-sitwazzjoni sabiex titranġa bl-aktar mod effiċjenti.

615.9.10 Is-Sur Joseph Agius qal li fil-venda hemm *quad bike* ipparkjat ħażin u li ilu jressaq rapporti dwaru iżda s-sitwazzjoni għadha ma ġietx indirizzata. Is-Sindku wieġeb li l-vettura kienet ipparkjata f'post riservat għall-parkeġġ u li din ġiet imressqa minn individwi waqt l-attività organizzata fl-okkażjoni ta' St Patrick's. Is-Sindku żied jgħid li sid il-*quad bike* kien barra minn Malta. Is-Sur Joseph Agius staqsa għaliex il-*quad bike* ma ġiex irmunkat meta kienu twaħħlu t-tabelli ta' *no parking* minħabba l-attività relatata ma' St Patrick's. Is-Sindku spjega li l-vettura ma ġietx irmunkata minħabba li t-tabelli li jindikaw projbizzjoni tal-parkeġġ ma kinux twaħħlu fuq struttura permanenti jew f'post fiss, u l-avviż ma deherx fil-gazzetta tal-gvern kif meħtieġ sabiex ikunu infurzabbli legalment. Is-Sur Joseph Agius qal li persuni b'siġġu tar-roti ma tistax tgħaddi minħabba dan il-*quad bike*. Is-Sindku qal illi kien qed jaħdem mal-pulizija dwar dan.

615.9.11 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva rapport li fi Triq iċ-Ċawsli kien hemm il-ħaxix ħażin.

615.9.12 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx applika sabiex jiġi installat GPS fil-*bus stop* tal-*ex*-venda. Is-Sindku spjega li dak li kien qed jirreferi għalih ma jissejjaħx GPS iżda *screen* diġitali li juri l-informazzjoni relatata mar-rotot tat-trasport. Is-Sindku żied jgħid li ser jiddiskuti din il-possibilità matul laqgħa li ser issir mal-kumpanija FACES.

615.9.13 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq ilment li kien irċieva mingħand resident relatat mas-sinjali bojod li hemm quddiem l-entratura ta' għalqa, fi Triq il-Mina ta' Hompesch fejn ġie rrappurtat li l-vetturi qed jipparkjaw quddiem l-entratura u qed jiżgumbraw l-aċċess. Is-Sindku qal li kien ser jikkuntattja lil Infrastruttura Malta sabiex jinformahom dwar is-sitwazzjoni u jitlob li s-sinjali bojod jiġu mibdula b'sinjali sofor sabiex jindikaw b'mod aktar ċar li l-parkeġġ m'huwiex permess f'dik iż-żona.

615.9.14 Is-Sur Leone Sciberras qal li kien ressaq ilment relatat ma' kaptell fi Triq ix-Xgħajra u nforma lill-Kunsill li dan ġie rranġat. Is-Sur Sciberras żied jgħid li r-residenta affettwata kienet irringrazzjat personalment lill-Kunsill għall-intervent.

615.9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li seħħ att vandalu fuq il-vann tal-Kunsill fejn xi ħadd kisser il-*windscreen* tal-vettura. Dwar dan sar rapport mal-għassa u ġiet notifkata ukoll il-kumpanija tal-assigurazzjoni. Is-Sindku ppropona li bħala miżura ta' prevenzjoni, il-Kunsill japplika għal *parking bay* riservat apposta għall-vann tal-Kunsill taħt il-kamera tas-sigurtà fi Triq iċ-Ċawsli.

**615.10 Mozzjonijiet;**
**Studju dwar il-Kapaċita' ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp – *Carrying Capacity***

615.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qara l-mozzjoni li permezz tagħha ssuġġerixxa li jsir studju dwar il-kapaċità ta' tolleranza ambjentali u infrastrutturali tal-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg spjega li din il-proposta qed titressaq biex jiġu ndirizzati problemi persistenti bħalma huma dawk relatati mad-drenaġġ u l-immaniġġjar tal-iskart, u sostna li l-intenzjoni mhix waħda politika iżda mmirata għat-titjib tal-lokalità. Is-Sinjura Anna Calleja wriet l-appoġġ tagħha għall-mozzjoni u qalet li tali studju jkun ta' benefiċċju għall-ġid komuni tal-lokalità, partikolarment biex jiġi evalwat jekk l-infrastruttura lokali hix kapaċi tlaħħaq mal-iżvilupp rapidu. Is-Sindku qal li jifhem li f'dawn it-tip ta' proposti jista' ikun hemm element ta' kamp politiku iżda saħaq li l-Kunsill dejjem ħadem b'mod mhux partiġġjan u bl-għan li l-lokalità timxi 'l quddiem. Is-Sindku spjega li studju dwar il-kapaċità tal-lokalità diġà jeżisti, wara li sar *Social Impact Assessment* mill-Kunsill Reġjonali tal-Port matul il-leġislatura preċedenti, u dan serva ta' bażi għall-manifest elettorali. Is-Sindku fakkar li ġew implimentati diversi miżuri fuq bażi teknika minn entitajiet pubbliċi fejn saru xogħlijiet infrastrutturali f'numru ta' toroq, ġiet estiża s-sistema tad-drenaġġ permezz tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, saru diversi proġetti fosthom *roof gardens* f'diversi żoni biex titjieb il-kwalità tal-arja u nbnew *substations* ġodda f'toroq fejn kien hemm problemi fis-sistema tad-dawl. Dwar il-bini u żvilupp li għaddej bħalissa, is-Sindku ndika li dan kollu qed isir skont il-Pjan Lokali approvat fl-2004. Is-Sur Buttigieg wieġeb li l-kuntest inbidel sew minn dak iż-żmien u jista' jkun li wasal iż-żmien biex il-Pjan Lokali jiġi rivedut. Is-Sindku rrimarka li l-Gvern Ċentrali diġà qed jaħdem fuq strateġija sal-2050 b'investiment qawwi fis-settur diġitali u teknoloġiku u insista li l-entitajiet governattivi qed jindirizzaw b'mod professjonali dawn il-kwistjonijiet, għaldaqstant m'hemmx bżonn għal studju ieħor. Is-Sur Buttigieg staqsa għaliex is-Sindku ma kienx qed jaqbel mal-mozzjoni u s-Sindku tenna li dan l-istudju diġà qed isir b'mod tekniku u professjonali mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Buttigieg qal li sa issa ma jara l-ebda frott minn dan l-istudju. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk din il-mozzjoni kinitx qed titressaq f'Ħaż-Żabbar biss jew f'lokalitajiet oħra u s-Sur Buttigieg wieġeb li huwa kien qed iressaqha f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Leone Sciberras wera wkoll l-appoġġ tiegħu u qal li minn dejjem talab li jsir studju dwar l-aċċessibilità fil-lokalità. Is-Sur Sciberras żied jgħid li s-CRPD kienu indikaw li ma sarx studju formali iżda biss rapporti minn individwi. Is-Sur Sciberras saħaq li kieku sar dan l-istudju, ma kienx ikollu għalfejn jirrapporta sitwazzjonijiet bħal arblu li qed jostakola bankina. Is-Sur Sciberras rrimarka wkoll li meta jitkellem is-Sindku, jinstema' qisu jrid jieħu l-mertu waħdu għall-ħidma fuq l-aċċessibilità. Is-Sindku wieġeb li ma joqgħodx jistenna rapporti biex jaġixxi u jieħu inizjattiva. Sussegwentament, is-Sur Buttigieg ippropona formalment li jsir studju dwar il-kapaċità ta' tolleranza għall-iżvilupp -*Carrying Capacity* kif imniżżel fil-mozzjoni. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet tal-voti. Wara votazzjoni, il-mozzjoni ġiet miċħuda b'total ta' tliet voti favur mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sur Leone Sciberras u ħames voti kontra mis-Sindku, mis-Sinjorina Toshera Schembri, mis-Sinjorina Martina Baldacchino, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sur Carlo Scicluna.

**615.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

615.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

615.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.56 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-616-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku